MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2007

Numru. 371/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

**Anthony Spiteri ta' 30 sena, bin Carmelo u Rose nee' Delia, imwieled Pieta nhar it-22 ta' Jannar 1977 u residenti, gewwa Providenza, numru 35, Flat 2, Triq ix-Xnejn l-Abjad, Marsaskala u detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 88677(M)**

**Eman Zammit ta' 26 sena, imwieled Pieta nhar id-29 ta' Ottubru 1979, bin Carmelo u Michelina nee' Borg, residenti gewwa Joe, 44, Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Zabbar detentur tal-karta ta'l-identita numru 506579(M)**

**U**

**James Camilleri ta' 23 sena, imwieled nhar l-1 ta' Mejju 1983, imwieled l-Ingilterra bin George u Josephine nee' Zammit residenti gewwa Nirvana, Triq l-Isparvier, Ghaxaq detentur tal-karta ta'l-identita numru 136493(M)**

**Il-Qorti,**

1. Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Anthony Spiteri, Eman Zammit u James Camilleri li permezz taghha huma gew akkuzati talli:

1. Fl-24 ta' April 2007 ghal habta tal-10:40a.m. gewwa Xatt il-Qwabar, Marsa ikkomettew serq ta' stereo tal-ghamla Philips minn gewwa vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni HAP227 liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, u biex xorta tal-haga misruqa sar a detriment ta' George Debono minn Hal Qormi u dana ai termini ta' l-artikoli 261, 263, 271, 278 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. U aktar talli f'diversi postijiet fil-gzejjer Maltin, u cioe' nhar il-24 ta' April 2007, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahlu sabiex ibieghhom jew imexxuhom u cioe' apparat ta' stereo tal-marka Philips a detriment ta' George Debono minn Hal Qormi u stereo tal-ghamla Majestic a detriment ta' sid mhux maghruf u dana ai termini ta' l-artikolu 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-LIgijiet ta' Malta
3. U aktar talli nhar il-24 ta' April 2007 ghal habta ta' l-10:40 a.m. gewwa Xatt il-Qwabar, Marsa volontarjament ikkomettew hsara volontarja fuq il-vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni HAP227 a detriment ta' George Debono minn Hal Qormi u dana ai termini ta' l-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4. U aktar talli irrendew ruhhom recidivi ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gew misjuba hatja ta' diversi reati, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
5. U aktar talli Eman Zammit wahdu ikkometta reat waqt l-operat ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-

Onorabbli Qorti presjeduta mill-Magistrat Dottor A.J. Vella nhar it-8 ta’ Frar 2007

6. U aktar talli kemm Eman Zammit u kemm James Camilleri kisru l-ordni ta’ probation imposta fuqhom mill-Onorabbli Qorti u b’digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti tad-9 ta’ Mejju 2007, giet awtorizzata zieda fl-akkuzi:

7. U aktar talli gewwa il-Belt Valletta nhar il-24 ta’ April 2007 bejn l-11:46a.m. u 12:29 p.m. f’diversi lokalitajiet kummercjali b’diversi atti maghmulin b’risoluzzjoni wahda b’mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqdew b’qerq iehor, ingann jew wrew haga b’ohra sabiex gieghlu li titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi folox jew ta’ hila setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh b’mezz iehor bi hsara ta’ Cell Phone Shop, The Gram, Spiteri Debono Opt., George Debono u il-bank kummercjali Bank of Valletta plc u dana ai termini ta’l-artikoli 18 u 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

8. U aktar talli fl-istess hinijiet taht l-istess cirkostanzi sabiex jiksbu vantaggi ghalihom jew beneficcji ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz u dan ai termini ta’l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta.

9. U aktar talli fl-istess hinijiet taht l-istess cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat u dana ai termini ta’l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

10. U aktar talli f’diversi postijiet fil-gzejjer Maltin, u cioe’ nhar il-24 ta’ April 2007 xjentment laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement indahlu sabiex ibieghhhom jew imexxuhom u cioe’ telefon cellulari tal-ghamla Samsung D900 a detriment ta’ Cellular phone shop il-Belt Valletta, gojjelerija a detriment ta’ the Gram li jinsab il-Belt Valletta kif ukoll apparat fotografiku a detriment ta’ Spiteri Debono Opticians li jinsab il-Belt Valletta u dana ai termini ta’l-artikoli 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti tad-9 ta’ Mejju 2007, giet awtorizzata zieda fl-akkuzi

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghet illi l-imputati ammettew l-akkuzi migjuba kontra taghhom u dana anke wara illi l-Qorti tathom zmien sabiex jirrikonsidraw l-ammissjoni taghhom.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmula mill-imputati f'dana l-istadju bikri tal-proceduri il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati Anthony Spiteri, James Camilleri u Eman Zammit hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra tagghom.

Illi mill-provi migjuba jidher illi l-imputati ghandhom problema serja tal-vizzju tad-droga u ma jidhirx illi qeghdin jaghmlu l-almu taghhom sabiex johorgu minn dana il-vizzju li qed iwassalhom sabiex jikkomettu d-diversi reati li bihom illum jinstabu akkuzati. Ghalkemm il-qrati taghna donnhom ippruvaw kemm il-darba joffru l-ghajnuna taghhom bil-mezzi permessi fil-ligi sabiex l-imputati johorgu minn dana il-vizzju, izda l-imputati xortawahda donnhom ma iridux jirriformaw ruhhom.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli 261, 263(a), 271(g), 278(2), 281, 334, 325, 49 u 50, 308, 309, 188, 189 18 u 28B tal-Kapitolu 9 u wara li rat l-artikolu 7 u 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lit-tlett imputati Anthony Spiteri, James Camilleri u Eman Zammit hatja ta'l-akkuzi migjuba kontra taghhom u tikkundannhom piena ta' tlett snin prigunerija kull wiehed. Il-Qorti qieghda taghti r-rakomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex tul dana il-perijodu ta' prigunerija huwa ighin lill-imputati odjerni fir-ri-abilitazzjoni taghhom mill-vizzju serju tad-droga li jinsabu fiha.

Illi fir-rigward ta'l-imputat Eman Zammit u dana peress illi r-reati li bihom l-imputat jinsab akkuzat bihom illum gew kommessi fil-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija fit-8 ta' Frar 2007 mill-Magistrat Dr. Anthony J. Vella, wara li rat l-artikolu 28B(b) qieghda tordna illi l-perijodu operattiva ta' dina s-sentenza jibqa' l-istess u

cioe' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, liema perijodu ta' erba' snin ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

Il-Qorti qieghda taghmel dana peress illi thoss illi ikun iktar utli ghall-imputat illi jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma hajtu u ghalhekk tordna ukoll illi l-ordni ta' supervizjoni moghtija mill-Qorti ippresjeduta mill-Magistrat Anthony Vella ghandha tibqa' fis-sehh u dana ai termini ta'l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta' tieghu skond il-ligi jekk ma joqghodx ghal kull ordni legittima li jaghtih l-Ufficjal Sorveljanti.

Illi fir-rigward ta' l-imputat James Camilleri, u dana wara li rat l-artikolu 7 u l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda filwaqt illi ssibu hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fis-sentenza tat-28 ta' Settembru 2006 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ippresjeduta mill-Magistrat Anthony Vella, tordna illi l-Ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-imsemmija sentenza ghandha tibqa' fis-sehh u dana ghal perijodu ta' tlett snin mil-lum taht is-supervizjoni tal-Probation Officer Trevor Calafato. Il-Qorti qieghda taghmel dana ghaliex thoss illi r-riabilitazzjoni tal-hati ghandha tinghata importanza estrema f'dana il-kaz.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' dana l-ordni u tiddikjara illi qieghda taghti kopja ta' dina l-ordni kemm lid-Direttur tal-Probation kif ukoll lil hati.

Il-Qorti a tenur ta'l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta tordna illi l-atti flimkien ma' kopja ta' dina s-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------